

Amministratur tas-Sistema

Unità: Servizzi tat-Trasformazzjoni Diġitali

Referenza: ECDC/FGIV/2023/DTS-SA

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' Aġent Kuntrattwali msemmija hawn fuq fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jstabilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Id-detentur tal-impjieg ser ser jirrapporta għand il-Mexxej tal-Grupp tal-Back Office. Id-detentur tal-impjieg ser ikun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- L-amministrazzjoni, il-manutenzjoni u l-ottimizzazzjoni tas-servers, l-infrastruttura tal-kontenituri u tal-ħażna, kemm fuq il-post kif ukoll fil-cloud;
- Jamministra, iżomm u jottimizza l-applikazzjonijiet ċentralizzati tal-back office b'enfasi fuq l-ambjenti tas-servers, il-bażijiet tad-*data* korrispondenti, id-Direttorati Attivi inklużi l-ADFS u l-Azure AD;
- Jikkontribwixxi għall-iżvilupp u l-iskjerament tal-applikazzjoni bħala parti minn tim ta' DevOps;
- L-appoġġ, l-amministrazzjoni u l-manutenzjoni tal-ambjent tal-ġestjoni tal-kontejners bl-użu ta' orkestrazzjoni u pipelines CI/CD;
- L-għajnuna fid-definizzjoni tal-arkitettura u l-istandards tal-infrastruttura tal-IT b'konformità mar-rekwiżiti tal-applikazzjoni, l-arkitettura bażi u l-pjanijiet tal-kontinwità tan-negozju;
- Id-dokumentazzjoni tal-infrastruttura u s-servizzi tal-IT u l-manutenzjoni tad-dokumentazzjoni;
- Il-monitoraġġ u l-analiżi tal-logs tekniċi sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tas-sigurtà u tas-servizz;
- L-iżgurar ta' appoġġ tat-tieni u tat-tielet linja għall-ECDC u l-utenti esterni għas-servizzi tal-back office;

- Jikteb skritti biex jawtomatizza diversi kompiti kif meħtiegħ għal finijiet amministrattivi jew ta' integrazzjoni tal-applikazzjonijiet;
- Ikun disponibbli għal perjodi ta' dmirijiet ta' stand-by fi tmiem il-ġimgħa u matul l-iljeli b'faċilitajiet ta' amministrazzjoni mill-bogħod fuq bażi ta' rotazzjoni mal-membri l-oħra tal-grupp;
- Kwalunkwe kompitu ieħor relatat mal-qasam tax-xogħol tiegħu kif meħtiegħ.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtiegħ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-inqas tliet snin, attestati b'diploma ¹;
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa oħra uffiċjali tal-UE sal-limitu meħtiegħ għall-qadi ta' dmirijietek²;
- Ċittadinanza ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)³;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji tas-selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna **kriterji essenzjali** fir-rigward tal-esperjenza/għarfien professjonali u l-karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali.

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas tliet snin ta' esperjenza professjonali, wara l-għoti tad-diploma, miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg;
- Esperjenza ta' ħidma bħala Amministratur tas-Sistema f'ambjent ibbażat fuq DevOps;
- Esperjenza ta' ħidma mal-amministrazzjoni tas-sistema bħala appoġġ tat-tieni u t-tielet linja, individwazzjoni ta' soluzzjonijiet u proċeduri dijanjostiċi bbażati fuq prattiki tal-ITIL;
- Għarfien u esperjenza estensivi fid-disinn, l-operazzjoni u l-manutenzjoni fl-oqsma ta' dominju li ġejjin:
 - MS Windows Server 2016/2019/2022 u Direttorju Attiv / Direttorju Attiv Servizzi ta' Federazzjoni / Azure AD
 - Amministrazzjoni ta' Azure
 - Disponibbiltà Għolja u Rkupru minn Diżastru

1 Ser jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li jkunu s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom ta' tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew iktar).

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Awtomatizzazzjoni tal-kompiti / Infrastruttura bħala kodiċi
- Teknoloġiji tal-kontejners
- Għarfien u esperjenza fid-disinn, fl-operazzjoni u fil-manutenzjoni bl-esperjenza tal-prodott f'minn tal-inqas 11 mis-17-il qasam li ġejjin:
 - MS Hyper-V
 - Azure DevOps
 - Skjerament ta' pipelines
 - Servizzi Azure Kubernetes
 - Terraform
 - Amministrazzjoni tal-AWS
 - L-amministrazzjoni ta' ServiceNow
 - Ġestjoni tas-sigurtà u taċ-ċertifikat tas-Server tal-Windows
 - Amministrazzjoni tas-sistema Linux
 - Ħardwer tas-server u tal-ħażna
 - Server Oracle / SQL
 - Networks ta' żoni ta' ħażna
 - Soluzzjonijiet ta' lloggjar u monitoraġġ
 - Kunċetti ta' backup u softwer ta' backup bħal Veeam
 - Docker
 - Kubernetes
 - Firewalls
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Approċċ proattiv b'saħħtu lejn it-tħaddin ta' teknoloġiji ġodda u l-applikazzjonijiet tagħhom fuq il-post tax-xogħol;
- Ħiliet analitiċi u ta' individwazzjoni ta' problemi b'saħħithom flimkien ma' approċċ dixxiplinat għas-soluzzjoni tal-problemi;
- Ħila li jaħdem b'mod kollaborattiv u jibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom, sabiex bħala tim jieħu r-responsabbiltà konġunta tas-sistemi, il-prodotti u s-servizzi rilevanti;
- Ħiliet ta' komunikazzjoni eċċellenti, inkluż il-kapaċità li tipproduċi memos ċari u konċiżi, tipprovdi spjegazzjonijiet tekniċi u tippreżenta rakkomandazzjonijiet u rapporti dwar l-istatus.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji ta' selezzjoni msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinġatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati ser tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħa.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi rreklutat bħala aġent kuntrattwali, skont l-artikolu 3a) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu limitat ta' ħames snin b'kuntratt li jista' jiġġedded skont il-finanzjament tal-proġett. Il-kuntratt jista' jiġġedded. Il-ħatra ser tkun fil-**Grupp ta' Funzjoni IV**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit skont ir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinġoloq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal dan il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċetta applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data rreklamata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁴ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:
<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁴ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.